# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Legislatura

Laqgħa Numru 13/2019

24 ta' Settembru, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Janice Azzopardi | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Francis Callus | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji u li l-Viċi Sindku kienet ser tasal ftit tard.

13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunilliera qablu fuq il-Minuti tal-Laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

13.2.1 Punti mtella' mill-Minuti

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.2.3 ma konniex iddiskutejna x-xogħolijiet ta' ħadid biss għaliex issemma ukoll il-passaġġ. Is-Sindku qal illi meta ltaqa' l-Adjudication Board kien biss għax-xogħolijiet tal-ħadid.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet (ref punt 12.2.2 applikazzjoni tad-dawl fl-Area ta Gawhar) għala l-lampa għadha ma ġietx ikkonnetjata. Is-Sindku qal illi l-Enemalta kienu tawna n-notification number pero' kien hemm xi problema rigward l-firma tal-engineer għaliex kellu l-kuntratt skadut.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.2.5 l-applikazzjoni hija għall-koppla u l-lanterna li ġiet estiża għas-26 ta' Settembru 2019.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ( ref punt 12.3.2 tisqija tas-siġar) it-tisqija hix ser issir minn Infrastructure Malta. Is-Sindku qal illi t-tisqija ser issir mill-Kuntrattur li ser iqabbad Infrastructure Malta.

Is-Sindku qal illi ref punt 12.3.1 (ATM) għandu konferma illi sas-27 ta' Settembru ser isiru x-xogholijiet apposta sabiex din tibda topera ukoll bid-depositi.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi fuq in-night shelter. Is-sindku spjega illi l-aħħar risposta kienet illi għandhom jiġu allokati il-budget għalih.

Is-Sindku qal illi ref punt 12.3.6 (sieqja fi triq il-ġdida l-fuq minn Ġnien Sir Alexander Ball) kien tkellem mal-individwu li għamilha u li kien tah żmien ġimgħa sabiex tinqala' inkella tinqala' mill-ħaddiema tagħna.

Is-Sindku qal illi ref punt 12.3.7 (*study visit* f'Santiago di Compostela) kien tellagħha facebook sabiex min hu nteressat jikkuntatja lil Kunsill. Is-Sindku talab lil Kunsill sabiex javżah jekk ikunu jafu b'xi ħadd li jixtieq imur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi rigward ref punt 12.4.5 (siġra mejta quddiem il-Każin) il-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni sabiex tkun tista' tinqala'. Is-Segretarju qalet illi l-Kunsill obligat illi jħawwel siġra oħra flok il-mejta.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 12.4.2 għandha tiġi il-Qala ta' San Ġorġ.

Is-Sindku qal lill-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla illi ref punt 12.4.7 (lezzjonijiet tar-roti) kien bagħatilha email sabiex nkunu nistgħu nibaghtu lir-Reġjun Nofsinhar bl-attivitajiet li konna ser norganizzaw.

Is-segretarju tat kopja tad-drawings tal-gazebo u r-railing li kienu ser jidħlu fit-tender għax-xogħolijiet fi Ġnien Sir Alexander Ball.. Il-kunsilliera iddiskutew u approvaw id-drawings tax-xogholijiet tal-ħadid..

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla meta ser ikun hawn il-Blood Donation Unit. Il-Kunsilliera qalet li din ser tkun nhar il-Ħadd 13 ta' Ottubru bejn it-8:30am u 1:00pm.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsill illi nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru, 2019 Marigold Foundation kienu ser iżuru l-Kunsill tagħna bejn is-7:00pm u 9:30pm.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 12.4.13 (talba għal mera) din għandha tiġi l-isfel minn Ġnien ta' Ball.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi rigward punt 12.7 (gym equipment ġdid) dan kien hemm time frame sal-aħħar ta' Ottubru għalhekk kienet ser tiprova minn supplier ġdid sabiex ikun jista' jeħel fil-ħin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għamlet it-talbiet sabiex isir użu mill-faċilitajiet tal-Iskola li kellhom jiġu diskussi waqt il-laqgħa tal-Kunsill Skolastiku nhar l-Erbgħa 2 ta' Ottubru, 2019

13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

13.3.1 Is-Sindku qal illi t-town twinning li l-Kunsill kien attenda fi Sqallija kienet esperjenza posittiva ħafna u li diġa' konna ftaħna orizzonti ġodda għaliex diġa kellna kuntatt mar-rapreżentanta tal-Bulgarja fuq proġett tal-Erasmus. Is-Sindku qal illi rigward il-proġett tal-Wirt Kulturali Ewropew issa kien imiss li jżuru Malta li ser tkun bejn l-21 u 24 ta' Ottubru, 2019. Is-Sindku qal illi huwa diġa kien qed jaħdem fuq il-programm għal dan il-proġett. Hawn is-Sindku ta' rendikont tal-programm.

13.3.2 Is-Sindku qal illi kien hemm problema bil-wires tal-kamera li hemm fil-bandli. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien qed jesiġi li dawn il-wires jinbidlu. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

13.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus qal illi s-siġar li tħawwlu fl-area tal-Ħlantun għandhom bżonn ikunu ddrittati b'xi ħaġa u kulħadd qabel illi tħawlu wisq qrib il-ħitan.

13.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi il-parti d-dejqa ta' Triq il-Kenn kellha bżonn tindifa u li kien hemm bżonn ta' Clean up generali fi Ġnien Dun Karm Vella.

13.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi rigward Safi Duathlon, din kienet ser tkun organizzata in collaboration mal-Kunsill u li xi ħadd mill-Kunsill ser ikun qiegħed jippreżenta t-trofies. Hija qalet illi l-ispejjeż għal din l-attivita' setgħu jidħlu fl-iskema tar-Reġjun Nofsinhar flimkien mal-ispejjeż li ser ikun hemm marbutin mal-attivitajiet li ser isiru fil-binja tal-iskola.

13.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien bagħat e-mail bix-xogħolijiet illi kellhom isiru qabel il-Kunsill mar Sqallija li minnhom ma kien sar xejn sa kemm ġejna lura. Huwa qal illi fejn ser isir il-plantation tas-siġar kien sar l-għada li rritorna mill-Ungerija pero' bħala t-tindif li kellu jsir fl-istess sit ma kien sar xejn.
Il-Kunsillier qal illi jinħtieġ li ssir laqgħa mal-ħaddiema rigward ix-xogħol u l-ħinijiet tal-ħaddiema.

13.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk jistax il-Kunsill inaddaf dawn it-tlett qatgħat ta' raba' li hawn viċin il-Kunsill. Is-Sindku qal illi dawn kienu propjeta' privata.

13.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-bin li kien hemm f'Misraħ San Ġużepp kienx twaħħal. Is-Sindku qal illi kemm ilu li tneħħa l-istess bin minn hemm naqas l-abbuż ta' skart ħdejn iċ-Ċentru Parrokjali. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħtu ċans biex naraw x'ħa jiġri fil-futur qabel jitwaħħal il-bin.

13.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus staqsa jekk nistgħux nitolbu sabiex Triq il-Ħajt Ruman ssir *Parking for Light Cars Only.* Il-Kunsill qabel illi għandna niktbu lil Transport Malta sabiex naraw jistax isir dan.

13.4.8 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Azzopardi qalet illi n-notice board li kien hemm fil-pjazza ma kienx lokha hemm u għandha tersaq għal xi mkien ieħor. Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus qal illi l-Kunsill kien talab l-approvazzjoni tas-sid tad-dar ta' qabel u illi n-

notice board kienet twaħħlet b'mod li tista' tinqala' faċilment. Il-Kunsill iddiskuta din l-issue u qabel illi faċilment teħel quddiem is-sorijiet viċin in-notice board l-oħra.

13.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi imħabba li kien irriżenja impjegat ma kinitx f'pożizzjoni li tista' tieħu l-leave għalhekk talbet sabiex tkun tista' tagħmel carry over. Il-Kunsill approva l-carry over tal-Leave.

13.4.10 Il-Viċi-Sindku spjegat lill-Kunsill illi hija kienet ser titfa' r-riżenja tagħha minħabba raġunijiet personali.

Il-Viċi Sindku ġiet skużata mil-laqgħa fis-6:30pm

13.4.10 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet irċiviet talba sabiex isir użu tas-sala biex jibdew isiru sezzjonijiet ta' talb. Is-Sindku qal illi din it-talba għandha ssir bil-miktub sabiex il-Kunsill ikun jaf x'qiegħed jintalab eżatt.

13.5 Ħatra Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-approvazzjoni tal-Ħatra ta' Deputat li kien approva l-Kunsill waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu, 2019 ma ġietx milqugħa u li l-Kunsill kellu japrova għal ħatra ġdida. Is-Sindku qal illi kien tkellem mas-Segretarju tal-Kunsill tal-Qrendi li kien qiegħed jaċċetta li jiġi nominat. Il-Kunsill qabel unanimament illi għandna ninnominaw lis-Sur Chris Falzon bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

13.6 Rizenja ta' Impjegat u ħatra għal impjegat ġdid.

Is- Sindku qal illi hekk kif kulħadd jaf impjegat mill-Kunsill kien irriżenja volontarjament. Huwa qal illi issa sfortunatament il-Kunsill kellu joħroġ talba għal impjegat ġdid. Huwa ssuġerixxa illi l-Kunsill joħroġ talba nterna għal impjegat fi skala 11 sabiex b'hekk inkunu nistgħu ninpjegaw lil xi ħadd b'esperjenza u mhux irridu nerġgħu nibdew ngħallmuh mill-ġdid. Il-Kunsill qabel

13.7 Ħatra ta' Librar Ġdida.

Is-Sindku qal illi minħabba li l-impjegat li rriżenja kien ukoll jieħu ħsieb il-librerija, issa ser ikollna noħorġu talba għal librar ukoll. Il-Kunsill qabel.

13.8 Skema Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u socjali

Is-Sindku qal illi nhar il-Ħadd 29 ta' Diċembru, 2019 bħal snin oħra ser ikun hawn il-banda tallegra r-residenti, għalhekk il-Kunsill seta' jamalgama din l-inizjattiva flimkien ma Festa għall-Familja kollha b'kollaborazjoni ma Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal illi r-Reġjun kien qiegħed jagħti s-somma ta' 2500 Euros għal din l-attivita' u ta d-dettalji lill-Kunsilliera. Il-Kunsill approva din l-attivita'.

13.9 Għajnuna lill-Kunsilli Lokali meta jagħmlu użu mill-faċilitajiet għall sessjonijiet ta' taħriġ laqgħat

Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u s-Sindku talab lill-Kunsill għal suġġerimenti li setgħu isiru għal din l-inizjattiva'. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u l-Kunsillier is-Sur Francis Callus qal li din l-inizjattiva setgħet tiġi abbinata mal-*Cultural Project* li ser issir fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

13.10 Korrispondenza

13.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir użu minn kamra mdaqqsa jew l-*computer room*. Il-Kunsill qabel ma din it-talba b'kundizzjoni li s-sala ma tkunx ibbukjata diġa' u li ma tkunx *commitment* għal żmien twil.

13.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet bagħtet e-mail li rċievejna minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar sabiex issir sorveljanza minn nies pajżana b'konnessjoni mal-problema tal-iskart. Is-Sindku spjega din l-inizjattiva lill-Kunsill u ta rendikont taż-żoni li kien issuġerixxa li għandu jkun hemm sorveljanza u l-Kunsill qabel illi għandhom jiżdiedu ukoll Triq San Ġorġ u Triq Qerd in-Nahal għal Triq il-Feniċi qabel ma tidħol għall-egħlieqi.

13.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa fuq korrispondenza rigward Reserved Parking. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet talba għal Triq Dun Gużepp Caruana li kienet ġiet approvata permanenti.

13.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa fuq korrispondenza rigward in-Night Buses li jiġu minn Paceville. Is-Sindku ta spjegazzjoni ta' kif jaħdmu in-Night Buses.

13.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward korrispondenza rigward il-kulur taż-żebra crossings. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi meta l-Kunsill ikun biddel il-kulur taż-żebra crossings, wara 30 ġurnata minn meta tkun saret l-attivita' il-kulur taż-żebra crossings iridu jerġgħu jinżebgħu bojod u suwed bħal ma kienu.

13.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

13.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-7:37pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru, 2019 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv